Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-404 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 26 ta' Settembru, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar u s-Sur Kevin Plumpton.

Il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.35 filgħaxija.

Is-Sur Mark Grech, is-Sur Keith Pisani u s-Sinjura Calleja kienu skuzati.

**<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Is-Sur Buttigieg ippropona li ssir korrezzjoni fis-seba' paragrafu f'*Item* 5 – 'Korrispondenza' paġna 332 u jitnizzel il-kliem "Is-Sur Buttigieg qal li dan il-*litter bin* kien ta' inkonvinjent għar-residenta u jaqbel li jiġi spustjat."

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa deċizjoni dwar dan. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Il-minuti tal-403 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>**

Is-Sur Buhagiar qal li huwa ma setax iħejji r-rapport dwar l-ingagg tal-Assistent Prinċipali (Skala 11) peress li ma kellux aċċess għad-dokumenti u rapporti li tħejjew waqt l-intervisti li saru tal-Assistent Prinċipal. Is-Sur Buhagiar qal li kien ser jinforma b'dan lid-Dipartiment.

Il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace daħal għal laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar kif il-persuna li ngħatat permess biex tarma *bouncing castle* fit-Teatru Grieg poġġiet il-*bouncing castle* fi Triq iċ-Ċawsli ħdejn l-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku qal li dak in-nhar tal-festa s-Sur Etiene Camilleri talab permess lilu biex jarma fi Triq iċ-Ċawsli minflok fi Teatru Grieg u kellu jieħu deċizjoni dak il-ħin. Is-Sindku qal li l-pulizija ma sabux oġġezzjoni.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ingħatat risposta mill-GAL dwar l-*expression of interest* li l-Kunsill issottometta biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal li l-Bord ta' Evalwazzjoni ma kienx għadu ħareġ bid-deċiżjoniet tiegħu dwar l-applikazzjonijiet li saru.

Is-Sur Pace ssuġġerixxa li s-Sur Pisani u s-Sur Plumpton jiltaqgħu ma' rapprezentanti tal-GAL Xlokk. Is-Sur Buhagiar ippropona li ssir laqgħa fejn ikunu preżenti il-Kunsillera kollha. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buhagiar staqsa x'sar dwar is-sit f'tal-Imwieġel fejn kien qed isir tfiegħ ta' skart. Is-Sur Plumpton qal li l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet ħadet azzjoni u ħafna mill-iskart tneħħa.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Transport Malta sabiex isiru *hatching lines* fi Triq tal-Labour viċin it-*traffic lights.* Id-Deputat Segretarju Eżekutiv wieġbet fl-affermattiv.

Is-Sur Buhagiar staqsa dwar jekk ir-Reġjun Xlokk kienx approva li titwaħħal *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku wieġeb li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun Xlokk kienet ġiet approvata u kienet ser issir laqgħa ma' Transport Malta.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat Memo 35/2012 mibgħuta mid-Direttur, għall-Gvern Lokali dwar skema ta' impjieg inklussiv fil-Komunita`. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel li tiġi mpjegata persuna klerikali taħt din l-iskema.

Inqrat Memo 36/2012 mibgħuta mid-Direttur, għall-Gvern Lokali dwar il-kampanja ta' għarfien dwar l-istrateġija 'Ewropa 2020'. Il-Kunsill ġi infurmat li l-Malta-EU Steering and Action Committe ser torganizza seminar dwar is-sehem importanti li għandhom biex Malta tilħaq il-miri stabiliti fl-istess strateġija nhar il-Gimgħa, 23 ta' Novembru 2012 fid-disgħa ta' filgħodu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar l-iskema Life Long Learning. Il-Kunsill ġie infurmat li kien ser ikun hemm klassi tal-Malti u oħra tal-Ingliz.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie infurmat li nħareġ avviż ta` infurzar dwar zvillup mhux skont il-permess fi Triq l-inħasa, Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill mill-Kunsiller Kevin Plumpton. Il-Kunsill ġie nfurmat illi t-talba sabiex il-post tas-Sur Plumpton ma jiġix iddikjarat vakanti kienet ġiet milqugħa.

Inqrat l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effet mill-11 ta' Awwissu 2012 u teżerċita d-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex is-Sinjura Testaferrata De Noto tkompli bil-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv wara l-perjodu ta' 90 jum fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv.

Inqrat korrispondenza migbħuta mis-Sur Cocker dwar attivita` bil-muturi li ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 28 ta' Ottubru 2012 sabiex jinġabru fondi għall-Assoċjazzjonijiet tas-Santwarji tal-annimali. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita` sakemm is-Sur Cocker ikollhu l-permessi neċessarji mingħand il-Pulizija tad-Distrett.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Grupp Pastorali Ċentru Santa Marija dwar il-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Kappella u r-rinovar taz-zuntier tagħha fejn il-Kunsill ġie mitlub ibiddel il-globi li li hemm quddiem il-kapella li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill kif ukoll li jsiru *double yellow lines* quddiem il-kappella peress li triq hi pjuttost dejqa. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel li jinbidlu l-globi kif ukoll li tinkiteb ittra lill-Transport Malta sabiex tintalab l-approvazzjoni sabiex isiru s-sinjali quddiem din il-kapella.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Liliana Camilleri mit-team ta' Xarabank fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fil-programm flimkien mar-residenti tal-lokal. Il-Viċi Sindku qal li kien ser jiltaqa' mas-Sinjura Camilleri.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Charmaine Attard fejn il-Kunsill ġie mistieden jippromwovi attivita` tal-lokal fil-programm *Netoon*s għall-ħlas ta' €50. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jipparteċipax f'dan il-program fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Inqrat korripondenza mibgħuta mil-*Heritage Planning Unit* dwar xogħol ta' armar mal-Mina ta' Hompesch fi zmien il-festa tal-lokal. Il-Kunsill ġie infurmat li ċerti xogħlijiet setgħu jagħmlu ħsara lill-monument. Is-Sur Buhagiar talab li l-Kunsill jinforma lill-*Heritage Planning Unit* li l-Kunsill mhux responsabbli għax-xogħol ta' armar u qatt ma ta permess biex isiru dawn ix-xogħlijiet.

Inqrat korrispondenza mis-Sur Chrysander Agius li joqgħod fi Triq tal-Labour dwar il-ħmieġ li tħalla mis-sidien tal-gabbani u n-nies fi zmien tal-festa. Is-Sur Agius talab sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni sabiex fi zmien tal-festa jitneħħa kull inkonvenjent għar-residenti billi zona tinzamm nadifa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ivan Degiorgio li joqgħod fi Sqaq Lajri dwar l-imġieba irresponsabbli u mhux xierqa ta' xi zgħazagħ fi zmien il-festa. Is-Sur Degiorgio talab sabiex il-Kunsill ipoġġi aktar *litter bins* u *mobile toilets* u li jkun hemm aktar għassa mil-pulizija sabiex jinqata kull abbuz.

Is-Sindku qal li fi zmien il-festa isiru laqgħat u konsultazzjoni mas-Supretendent tal-lokal. Il-Kunsill ħa ħsieb ipoġġi *litter bins* kif ukoll *mobile toilets* f'diversi toroq fil-lokalita`, kif ukoll ħa ħsieb li kemm il-knis ta' toroq kif ukoll il-ġbir tal-iskart sar b'mod immedjat. Is-Sindku qal li kien ukoll ser jieħu s-suġġerimenti tas-Sur Sander u s-Sur Degiorgio.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Demarco li joqgħod fi Triq Riħan dwar art mitluqa li hemm fl-istess triq. Is-Sur Demarco talab sabiex il-Kunsill jtella ċint madwar din l-art peress li kien qed jintefa ħafna skart. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lill-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar jekk il-fondi taħt l-Urban Improvement Fund kienux qed jingħataw lill-Kunsill biex jittellu ċnut ta' proprjeta' privata. Is-Sindku qal li l-fondi tal-UIF kienu qed jintuzaw biex isiru proġetti li jibbenifika l-lokal.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Trasport Malta dwar talba ta' resident biex issir *road hump* fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Buhagiar ippropona li ssir din ir-*road hump*. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din ir-*road hump.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn residenta li toqgħod fi Triq Bieb is-Sultan dwar l-istat ħazin ta' triq. Is-Sinjura Seisun talbet sabiex tiġi rranġata t-triq kif ukoll isiru *culverts* għall-ilma tax-xita. Is-Sindku talab li l-Kunsill jikteb lill-Transport Malta sabiex tiġi rranġati din it-triq peress li taqa' taħt ir-responsabilita' tagħhom.

Inqara rapport mibgħut mil-kumpanija TCTC dwar il-korsijiet E-Tfal li ġew organizzati dan is-sajf fil-bini tal-Kunsill għat-tfal bejn il-ħames u l-għaxar snin.

Il-Kumpanija TCTC qed tipproponi li jiġu organizzati diversi korsijiet għall-adulti fix-xhur li ġejjin għall-ħlas ta' €1100 għall-proġett wieħed u ser tinkludi tlett korsijiet b'xejn *LEARN IT, ICT4U* u *ECDL START.* Is-Sindku talab li l-Kunsill jivverifika jekk il-kuntratt li għandu mal-kumpanija TCTC għadux validu jew inkella jekk il-Kunsill iridx joħroġ sejħa għal-kwotazzjonijiet mil-ġdid.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-kumpanija Greenpak dwar is-separazzjoni ta' skart fil-lokalita`. Il-Kunsill ġie infurmat li bħalissa qed jiġi ġenerat 30% mil-iskart riċiklat. Għalhekk il-kumpanija Greenpak qed tirrakomanda li nhar ta' Tlieta jsir biss ġbir ta' skart riċiklat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-kumpanija Green Mt dwar proposti għall-ġbir ta' skart tal-ippakeggjar.

Is-Sur Buhagiar talab li fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss il-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Greenpak kif ukoll il-proposti tal-kumpanija Green Mt. Is-Sur Bonnici ppropona li ssir laqgħa mar-rapprezentanti tal-kumpanija Green Mt sabiex jiġu diskussi aktar fid-dettal dawn il-proposti. Is-Sur Plumpton issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Awwissu, 2012 sas-26 ta' Settembru, 2012 li kien jammonta għal €38,122.96. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2012 li kien jammonta għal €131.02.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill it-talba li saret mill-impjegati tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto u s-Sinjura Mary Rose Caruana biex ikomplu jaħdmu ħinijiet ta' xogħol imnaqqsa. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegati tiġi milqugħa.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill ta' Eschborn biex jipparteċipa fil-progett li ser jiġi organizzat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Eschborn, il-Ġermanja f'Mejju 2013. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jipparteċipa f'dan il-proġett billi jibgħat żewġ żgħażagħ u *carer*. Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ta' Eschborn kien ser iħallas l-ispejjes ta' l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti u l-carer, filwaqt li l-parteċipanti ser iħallsu l-ispejjez tal-biljetti tal-ajru. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett.

Fit-8.15 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza tal-kumpanija Vella Ltd fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-kumpanija mhix ser iġedded il-kuntratt ta' zamma, manutenzjoni u tiswija ta' toroq u bankini (ZLC 1/2010) peress li rati fil-kuntratt kienu baxxi u mhux vijabli li jkompli jaħdem b'dawn ir-rati. Is-Sur Buttigieg ippropona li jittieħed parir legali qabel mal-Kunsill jieħu deċizjoni. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-parir tal-avukat.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ s-sejħa għall-kwotazzjoni ta' *cold asphalt, concrete*, *road marking paint* u *asphalt testing*. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *Works Manager/Project Co-ordinator* (ZLC 9/2010) jiskadi fil-5 ta' Novembru, 2012 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Inqraw il-minuti tad-30 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**Item 6-Affarijiet Oħra**

Is-Sur Bonnici tkellem dwar korrispondenza li dehret f'ġurnal lokali dwar ħmieġ taz-zwiemel fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Bonnici talab sabiex il-PRO tal-Kunsill iwieġeb din l-ittra inkella kien ser jirrispondi hu lill-korrispondent.

Is-Sur Bonnici qal li l-globu tad-dawl li hemm maz-*zebra crossing* fi Triq il-Kunvent kien reġa' twaqqa.

Is-Sur Pace qal li waqt laqgħa li kellu mal-Kunsill Pastorali ġie ssuġġeriet li ssir mappa dettaljata tal-lokalita`.

Is-Sindku semma l-bżonn li jsiru sinjali tat-traffiku fi Triq F X Attard, Triq Wiġi Bongailas, Sqaq Bursett u Triq il-Bormla.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jorganizza attivita` bl-isem *Eight Weeks Weight Loss Challenge* għar-residenti Żabbarin bejn it-23 ta' Ottubru u t-23 ta' Diċembru 2012 u l-ispiza għal din l-attivita` mhux ser tkun ta' aktar minn €400. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din l-attivita`.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-405 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 24 ta' Ottubru, 2012.

Domenic Agius
Sindku